# Storja: **Il-Ħarsa ta' Rużann**

**analiżi u osservazzjonijiet fuq**
**"Il-Bidu" u "Il-Ħarsa f'Għajnejn Karmenu"**

**Ann Marie Schembri – Claire Zerafa**
**Skola St Joseph, Tas-Sliema**

# F’dan ir-rumanz storiku Romantiku nsibu diversi temi:

- L-identità nazzjonali / Maltija
- L-iżvilupp tal-Maltin tul iż-żmien lejn l-emanċipazzjoni
- L-edukazzjoni
- Differenza bejn il-klassijiet soċjali
- Il-Malti vs il-barrani
- Il-kolonjaliżmu
- Il-valuri tal-Maltin
- Il-ħajja iebsa tal-Maltin
- L-injoranza u n-nuqqas ta’ tagħlim
- L-irwoli tal-mara u r-raġel
- L-imħabba

Grupp Deċiżi

# L-identità Maltija

Din hija t-tema ewlenija esplorata bil-metafora ċentrali **tal-ħarsa f'għajnejn Rużann**.

Grupp Deċiżi

# Tajjeb li ... Qabel nibdew ir-rumanzett fil-klassi...

- Issir diskussjoni dwar l-identità.
- Xi tfisser l-identità nazzjonali għall-istudenti?
- Iħossuhom Maltin jew Ewropej  jew tad-dinja ... jew tat-tlieta f'daqqa?
- X'inhu dak li jagħmilhom Maltin?
- Huwa importanti li jkollna sens ta' identità? Għaliex?
- Kif inbniet din l-identità?
- Il-Maltin konxji tal-identità tagħhom?
- Meta jħossuha l-iżjed din l-identità?
- L-identità Maltija għandha għeruq fondi?
- L-identità tinbidel matul iż-żmien?

Grupp Deċiżi

# L-approċċ kostruttiv *(constructivist approach)*

- Nibbażaw il-metodu tagħna fuq it-teorija kostruttiva.
- Nitilqu minn dak li l-istudenti diġà jafu.
- L-istudenti għandhom jiskopru huma dan ir-rumanzett bil-gwida tagħna billi nistaqsu u niddiskutu magħhom.
- Nissuġġerixxu li l-qari jsir fil-klassi.

Grupp Deċiżi

# X'nistgħu nagħmlu?

- Nuruhom vidjow b'xi diska relatata mal-qagħda preżenti ta' pajjiżna …
- Issir diskussjoni fil-klassi biex jesploraw il-fehmiet tagħhom.
- L-istudenti jistgħu jmorru jistaqsu lil nies barra mill-iskola u joħorġu l-konklużjonijiet tagħhom u juru x'inhuma l-fehmiet tal-oħrajn.
- Jiktbu dwar is-suġġett.

Grupp Deċiżi

# Il-Bidu

- Kapitlu ta' qabel il-Kapitli nnumerati 1, 2, 3 u 4.

- Dan il-kapitlu huwa importanti ħafna għax jittratta t-temi ewlenin tal-istorja kollha. Jekk tifhem dan il-kapitlu tkun fhimt il-kunċett kollu tar-rumanzett. Il-kapitli li jsegwu kollha, f'xi mument jew ieħor, jsemmu dak li diġà rrefera għalih f'**Il-Bidu**.

Grupp Deċiżi

# Il-Bidu

- It-titlu  jissuġġerixxi l-għeruq profondi tal-identità Maltija.
- "**Mill-bidu nett tal-bidu nett**" – *l-għeruq tal-umanità … F'dan il-każ tal-poplu Malti.*
- L-istorja hi rrakkontata minn Mark-Antonin – barrani – li tefa' ħarstu fuq tfajla Maltija. Dan huwa l-punt ta' tluq li fuqu tiddependi l-bqija tal-istorja.

Grupp Deċiżi

***"Il-ħarsa tagħha…***
***Il-ħarsa tagħha kienet qisha ġejja …***
***Il-ħarsa tagħha kienet qisha ġejja mill-bogħod nett …***
***Tal-bidu nett"***

- Proża poetika – kitba bil-versi bil-metofora tal-ħarsa. Il-metafora tispikka minħabba l-anafora.
- Il-ħarsa ta' Rużann - simbolu tar-ruħ Maltija - lura sal-preistorja, "*tal-bidu nett*".
- L-identità hija profonda imma minn barra tidher sempliċi u umli bħal mara bidwija.
- Kollox beda mill-ħarsa – l-identità li għadna nġorruha sal-lum "f'demmna". Simbolu tar-razza Maltija(metafora).

Grupp Deċiżi

***"Jew dubju serju xjentifiku.***

***Jew verità.***

***Jew xejn ħlief xenqa għall-wisa' ta' dawk li jgħixu fiċ-ċokon wisq.***

***Jew nostalġija għall-għeruq, l-oriġini tagħna."***

- "***Jew***" - possibbiltajiet differenti?
- "***Jew***" – misteru jew ċertezza?
- Il-kobor vs iċ-ċokon

Grupp Deċiżi

# Il-laqgħa ta' Mark-Antonin ma' Rużann

"***Mgħażqa f'idha. Bewsiet żgħar ta' ħamrija fuq ġbinha u fuq ilħitha.***"

Personifikazzjoni

- Deskrizzjoni Romantika/idillika tal-bidwija Maltija.
- Tidher il-bżulija tagħha - iżżomm l-imgħażqa.
- Tkompli l-enfasi fuq għajnejha …

"***…minn xemx … taret dritt għal ġo għajnejha, tkebbishom ġamriet.***"

Grupp Deċiżi

***"Ħarrket xofftejha u tbissmet, u, minnufih, għajnejha, li kienu jagħtu fl-ikħal bħas-sema ta' dakinhar u bħall-baħar ta' taħtna, taw titwila ħafifa lejn għasfur tal-bejt li dak il-ħin kien għaddej itir moħħu f'xi serqa oħra."***

- Rużann tikkummentalu li rari jarawh f'dawk l-inħawi – id-distakk kien u se jibqa'.

Grupp Deċiżi

# Ir-rakkont isir minn Mark-Antonin

- Għaliex l-awtur jagħżel li din il-biċċa tal-istorja tingħad mill-perspettiva tal-Baronċin?
- Ebejer irid juri li l-barrani hu msaħħar minn Rużann, iridna nidħlu f'moħħ u f'qalb il-Baronċin u nifhmu l-kunflitti minħabba din il-ġibda. Juri l-validità tal-Malti. Il-Malti huwa denju li jinħabb minn barrani għax huwa daqsu u jiswa u kapaċi.
- Mark-Antonin jiftakar kemm kien iħeġġu missieru l-Baruni biex jidra lill-bdiewa.
- L-iskop tal-Baruni x-xiħ – tinżamm in-nobbiltà tal-familja – fl-istess ħin jidhru li huma benevolenti fil-konfront tagħhom: ***"Fejn tista', għin. Imma l-ewwel aħna, smajt x'għedtlek?"***

Grupp Deċiżi

- Mark-Antonin jirrakkonta kemm kien jivvjaġġa;

- Jinħass li hu jqisu ruħu parti mill-Maltin għax jgħid: ***"U l-poplu tagħna fejn kien?"***

- Jaħseb fuq id-dar tagħhom tal-Ingallos – u xi tfisser.

- F'mewtu lil missieru jsellimlu b'rispett lejn in-nobbiltà tiegħu.

- L-iskumdità fl-irwol tiegħu – kellu jkun hu li jbiddel it-tradizzjoni tal-familja.

- Ibigħ l-artijiet u sseħħ il-bidla.

Grupp Deċiżi

# Jibda t-thewdin billejl

- Tidher il-profondità f'Mark-Antonin; jaħseb, jirrifletti, jevalwa s-sitwazzjoni u l-azzjonijiet tiegħu.

- Il-bniedem juża l-intelliġenza tiegħu għall-gwadann personali tiegħu? X'inhu dan il-gwadann? Il-poter. (Isemmi lil Fawst)

  "***U għalhekk, l-ambizzjoni ewlenija hija, mhux il-kisba tal-għarfien u l-għerf fihom infushom, imma s-setgħa, tkun taħt liema għamla tkun …***"

- Kunflitt intern bejn il-moħħ u l-qalb; ir-raġuni vs l-emozzjoni.

- Tirbaħ il-qalb, l-imħabba – iħobb lil Rużann!

Grupp Deċiżi

# Rużann – l-imħabba ta' ħajtu – l-imħabba lejn dak li hu Malti.

- "***Tfajla għalkollox Maltija, fjura tal-Mediterran.***"
  (metafora – fiha jara valur għoli.)

- Jerġa' jsemmi l-ħarsa ġejja mill-bogħod …
  ***"'Il bogħod kollu ta' Malta u tal-Mediterran, bl-arja u s-sema u l-baħar, ix-xemx, l-irjieħ, is-siġar, ix-xtieli, il-blat, l-istorja tagħhom – l-istorja ta' Malta marbuta, hekk li ma tista' tinħall qatt, ma' dik tal-Mediterran."***

- It-taħlita li saret bejniethom tissimbolizza l-mixja ta' din ir-razza lejn l-emanċipazzjoni. Taħlita simbolika. Il-poplu Malti bilfors kellu jitħallat mal-barrani.

Grupp Deċiżi

# Wara l-ħsibijiet jerġa' jiftakar – fil-mument intimu taħt il-ħarruba

- Użu tal-*analessi*
- L-intimità sseħħ f'ambjent naturali viċin l-irdum.
- *Għaliex fil-kampanja u viċin l-irdum?*
- Rużann aktar konxja mid-differenza soċjali ta' bejniethom.
- Bl-imħabba tiegħu lejn Rużann iħoss li l-familja tiegħu nħelset mit-tradizzjoni tan-nobbiltà.
- Mhux il-bdiewa kollha fehmu l-azzjoni tiegħu li jbigħilhom l-artijiet.
- It-tbatija ta' xi bdiewa bdiet isseħħ minħabba nies fil-klassi soċjali tagħhom stess.

Grupp Deċiżi

# Jerġa’ jibda jhewden …

*“Biex tagħmel il-ġid, tassew li qabelxejn trid titgħallem tħobb, jew m’hemmx għalfejn dan? Għax xorta jibqa’ f’wiċċek!”*

*Mark-Antonin – jaħseb ħafna – jirrifletti – huwa l-aġent tal-bidla – jemmen fl-ugwaljanza.*

Grupp Deċiżi

# Tagħlaq il-ġrajja ta' Mark-Antonin u tiftaħ oħra ... Fil-ħarsa ta' Rużann

- L-istorja tieħu direzzjoni oħra.
- L-istorja tal-Baronċin tispiċċa u tibda dik ta' Rużann u d-dixxendenti tagħha.
- Teknikament – jinbidel in-narratur – isir fit-tielet persuna – jirrakkonta Ebejer stess.
- Rużann ma aċċettatx li tiżżewweġ lill-Baronċin.
- Toħroġ id-determinazzjoni, is-saħħa tagħha. Hi tidher emanċipata diġà filwaqt li l-bqija qegħdin *"fid-dalma soċjali ta' raħal ċkejken ..."*

Grupp Deċiżi

- Rużann rat lil binha Karmenu jikber. Mietet xahar wara t-twelid tas-sitt tarbija tiegħu.

- Rużann tiftakar x'kien qalilha darba Mark-Antonin:

  ***"Rużann, għad jitwal il-jum, u miegħu, dellna, sakemm fl-aħħar, aħna u dellna nsiru ħaġa waħda. Aħna nsiru d-dell tagħna stess – u ta' xulxin."***

- Il-metafora tal-jum u tad-dell.

Grupp Deċiżi

# Il-kapitlu jagħlaq bl-indirizz dirett ta' Ebejer lill-qarrej ...

- Jerġa' juża l-proża poetika – l-istess bħal tal-bidu imma did-darba jagħlaq :"Tal-ġejjieni" – ħa naraw id-dixxendenti ta' Rużann kif se jimxu 'l quddiem.

- Appell dirett ta' Ebejer li l-ħarsa ta' Rużann qiegħda fina lkoll.

  **"Lil Rużann tibqa' dejjem tħossha fik, u bil-ħarsa tagħha f'għajnejk hi tibqa' turik u tnebbħek il-ħin kollu – jekk mhux bl-għarfa tal-kotba, b'xi ħaġa aqwa: bil-lehma ta' qalb tħabbat mal-qalba, mar-ritmu tan-natura Maltija."**

- Kif jista' jkun li l-ħarsa ma tfissirx l-identità Maltija?

Grupp Deċiżi

# 1 – Leħħa ta' Ħarsitha

## Il-ħarsa f'għajnejn Karmenu

*X'ġara f'dan il-kapitlu:*

- L-attakk tax-Xuxana fuq ir-razzett ta' Karmenu.
- Karmenu mar għand il-kunjatu Ġannikol, fl-Imdina, għall-għajnuna;
- Karmenu xtaq li wliedu jitgħallmu l-iskola.
- Viċin id-dar ta' Ġannikol hemm il-palazz ta' missieru imma hu ma jafx xi jfisser dan il-palazz.
- Il-Baruni, ħu Mark-Antonin, bagħat għalih u qallu li seta' jħallsu kull sentejn għax ħenn għalih minħabba l-qagħda li kien fiha.
- Il-Baruni ma ħax gost meta sar jaf li Karmenu jixtieq li wliedu jitgħallmu l-iskola;
- Il-Baruni offra lil Karmenu biex jieħu lil bintu Marija bħala seftura għandu.

Grupp Deċiżi

# Karmenu

- Jaħseb fil-profond
- Jaħseb fil-futur ta' wliedu – iridhom jitgħallmu l-iskola
- Wiret il-karatteristiċi t'ommu u ta' missieru
- Fih hemm l-idea tal-ugwaljanza
- Mhuwiex konxju li hu jġorr in-nobbiltà f'demmu:

***"Ftit 'il bogħod mid-dar tal-kunjatu, il-palazz ta' Ingallos kien qisu kastell, kbir u wiesa' u maqful u ħiemed … xi ħaġa għalkollox barra minn żmienu."***

Grupp Deċiżi

# Il-karattru ta’ Mark-Antonin mill-għajnejn tal-Baruni

- Id-deskrizzjoni fiżika;
- Jarah bħala xi ħadd aqwa minnu; iħoss ammirazzjoni lejh;
- Jiftakru mdawwar b’nisa nobbli sbieħ u jiftakru wkoll jiddiskuti ma’ raġel akbar minnu;
- Jidher li Mark-Antonin huwa bniedem li jaħseb – l-intellettwalità hi importanti;
- Kapaċi jibqa’ kalm anke f’sitwazzjonijiet diffiċli;

Grupp Deċiżi

# Il-Baruni

- Intellettwalment inferjuri minn ħuh;
- Bla viżjoni u bla ħsieb;
- Il-Baruni u l-Baruni x-xiħ m'għandhomx ismijiet – qishom bla identità;
- Il-Baruni fl-aħħar mill-aħħar qatt ma seta' jifhem lil ħuh għax magħġun differenti minnu.
- Il-ħarsa ta' Karmenu u bintu Marija tolqtu u jiftakar f'ħuh.
- Ħajtu kienet fid-dlam imma t-tifkira ta' ħuh kienet fid-dawl

Grupp Deċiżi

# L-irwol ta’ Rużann

- Element surreali – Rużann tkellem lil Karmenu waqt li kien qiegħed mal-kunjatu jiddiskutu s-sitwazzjoni diffiċli li kienu fiha.

- ***“Tibżax, Karm, għażiż ibni, int agħmel dak kollu li tista’, għalik innifsek, għal martek u għal uliedek, u tara kif kollox għad jerġa’ b’wiċċ il-ġid.”***

- Rużann tipproteġi lid-dixxendenti tagħha. Qatt ma toffrilhom soluzzjoni lesta – imma tagħtihom kuraġġ biex jemmnu fihom infushom.

Grupp Deċiżi

# Is-surrealiżmu jkompli …

Meta Karmenu jmur għand il-Baruni u jħares lejn l-inkwatru bix-xbieha ta' Mark-Antonin. F'dan il-mument Mark-Antonin jikkomunika ma' Rużann permezz ta' Karmenu.

***"Grazzi, Rużann, fjura tiegħi, xebba maħbuba, li għadek iddur b'ibni, ukoll wara mewtek. Ħarsu, kompli ħarsu dejjem, u lil dawk kollha, uliedu, li ħarġu mill-vini u l-għadam tiegħi u tiegħek, għax dawk tagħna, Rużann, maħbuba tiegħi, u lill-oħrajn li għad iridu jiġu, frott fi ġnien imħabbitna. Ukoll stagħnihom bin-nebħa tal-futur."***

Grupp Deċiżi

# Il-metafora tal-ħarsa

- ***"Kien ipetpet tpetpita għajnejh, ifarfar tfarfira spallejh, u meta f'xi waħda mil-loġoġ ta' fuq kien jaħbat ma' Marija hi u għaddejja fil-qadi ta' dmirijietha, kien iħammem lejha, 'Tante scuse, Marija, ma kontx rajtek, hawn dlam wisq.' U kien jissokta fi triqtu lejn l-istudju tiegħu, fejn kien jidħol u jinqafel, mgħaġġeb bix-xebh li kien jara bejn Karmenu u bintu, b'dik ix-xi ħaġa f'għajnejhom – 'ħarsa straordinarja' kien isejħilha – u t-tifkira ta' Mark-Antonin kienet tgħaddi bħal leħħa ta' dawl qawwi minn quddiem għajnejh, u bħal leħħa terġa' tgħib."***
- Id-dlam ifisser in-nuqqas ta' viżjoni li għandu l-Baruni
- It-triq tiegħu hija l-istudju tiegħu fejn hemm iżomm il-kontijiet u l-passat kollu ta' familtu.
- Similitudni: It-tifkira ta' ħuh tiġi bħal leħħa ta' dawl.

Grupp Deċiżi

# “Iċ-ċens dalwaqt jagħlaqlu.”

- Ix-xjuħija tiegħu tissimbolizza l-mentalità magħluqa li kellu;
- Xħin jaħseb fil-flus jinsa kollox u jidher li hu bħal missieru;
- Tidħol l-ironija – filwaqt li jieħu ħsieb jiġbor il-flus mill-bdiewa meta jagħlqilhom iċ-ċens, iċ-ċens ta’ ħajtu kien wasal biex jagħlaqlu għal dejjem.

Grupp Deċiżi